




# Il-Popolazzjoni tal-Mosta minn wara l-Gwerra sal-Ġurnata tal-Lum

*minn Jeffrey Galea B.A. (Hons) Geography*

Meta wieħed janalizza r-rapporti taċ-Ċensimenti tal-Popolazzjoni, li ilhom isiru f'Malta sa mill-1842, għandu jsib minjiera ta' informazzjoni dwar diversi aspetti demografiċi u soċjo-ekonomiċi li kkaratterizzaw lir-raħal tagħna matul dawn l-aħħar mija u sebgħin sena. Minħabba n-natura limitata tiegħu, dan l-artiklu jagħti ħarsa biss lejn il-bidliet demografiċi li għaddiet minnhom il-popolazzjoni tal-Mosta mill-1948 sal-2005, meta sar l-aħħar ċesnsiment tal-popolazzjoni u d-djar.

## Żieda fil-popolazzjoni

Fil-Mosta, mill-1948 'l hawn, l-aktar bidla demografika li spikkat kienet propju ż-żieda qawwija fil-popolazzjoni li seħħet prinċipalment minħabba fl-immigrazzjoni ta' nies li qabel kienu joqogħdu f'inħawi oħra ta' Malta. Fil-fatt fuq perjodu ta' seba u ħamsin sena l-popolazzjoni tal-Mosta żdiedet b' 160.7 fil-mija meta mqabbla ma' kemm kienet fl-1948. Tabella 1 turi li l-akbar żieda seħħet bejn l-1985 u l-1995 meta l-popolazzjoni kibret bi ftit aktar minn 4,600 ruħ. B'kuntrast, ta min jinnota li l-popolazzjoni żdiedet biss b' 191 ruħ bejn l-1948 u l-1957, aktarx minħabba l-effett tal-emigrazzjoni lejn pajjiżi barranin, kif ser naraw aktar l-isfel.

Tabella 1 turi ukoll li, b'eċċezzjoni tal-1957, il-popolazzjoni fil-Mosta kibret b'rata aktar mgħaġġla mill-bqija ta' Malta, b'riżultat li l-perċentwal tal-popolazzjoni totali[1] ta' Malta residenti l-Mosta żdied minn ċensiment għall-ieħor. Fil-fatt fl-1948 fil-Mosta kienu joqogħdu 2.4 fil-mija tal-popolazzjoni totali ta' Malta. Sal-2005, meta l-Mosta saret it-tieni l-akbar lokalità f'termini ta' popolazzjoni, din il-figura telgħet għal 4.6 fil-mija.

**Tab. 1. Popolazzjoni Totali ta' Malta u tal-Mosta: Ċensimenti 1948 - 2005**

| Data taċ-Ċensiment | Popolazzjoni Totali ta' Malta | Popolazzjoni Totali tal-Mosta | Percentwal tal-Popolazzjoni Totali ta' Malta residenti l-Mosta |
|---|---|---|---|
| 14 ta' Ġunju, 1948 | 305,991 | 7,186 | 2.35 |
| 30 ta' Novembru, 1957 | 319,620 | 7,377 | 2.31 |
| 26 ta' Novembru, 1967 | 314,216 | 8,334 | 2.65 |
| 16 ta' Novembru, 1985 | 345,418 | 12,148 | 3.52 |
| 26 ta' Novembru, 1995 | 378,132 | 16,754 | 4.43 |
| 27 ta' Novembru, 2005 | 404,962 | 18,735 | 4.63 |

Sors: Rapporti taċ-Ċensimenti ta' Malta : 1948 - 2005

## Żbilanċ bejn is-sessi

Miċ-ċensimenti ta' bejn l-1948 u l-2005 jirriżulta li l-popolazzjoni tal-Mosta kienet magħmula minn numru kemxejn ogħla ta' nisa meta mqabbel ma' dak tal-irġiel. Dan l-iżbilanċ fil-proporzjonijiet ta' nisa u rġiel iseħħ b'mod normali hawn Malta għax għalkemm jitwieldu aktar irġiel milli nisa, bħala medja n-nisa jgħixu aktar. F' Tabella 2 wieħed jista' jara li dan l-iżbilanċ kien l-aktar evidenti fiċ-Ċensimenti tal-1957 u tal-1967 fejn bħala medja l-irġiel kienu jammontaw għal 47.6 fil-mija tal-popolazzjoni Mostija. Iż-żieda fl-iżbilanċ ta' bejn is-sessi li ġiet reġistrata f'dawn iż-żewġ ċensimenti kienet ikkawżata prinċiparjament mill-emigrazzjoni ta' ħafna aktar irġiel milli nisa fis-snin ta' wara

[1] Popolazzjoni totali tinkludi kemm ċittadini Maltin kif ukoll barranin li jkunu ilhom residenti hawn Malta għal minn tal-anqas 12-il xahar.

l-gwerra[2]. Mill-1985 il quddiem din id-differenza naqset, għalkhemm reġgħet żdiedet kemxejn fl-2005, meta l-irġiel kienu jammontaw għal 49.1 fil-mija tal-popolazzjoni Mostija.




Sors: Rapporti taċ-Ċensimenti ta' Malta : 1948 - 2005

## Residenti barranin

Fil-Mosta r-residenti ta' ċittadinanza barranija kienu l-aktar numerużi fiċ-Ċensiment tal-1967, meta dawn kienu jlaħħqu mal-520 ruħ[3]. Minn dawn, 472 kienu ċittadini Britanniċi; aktarx li fil-maġġoranza tagħhom relatati mas-servizzi Ingliżi[4]. Tabella 3 turi li fl-1985 l-ammont ta' ċittadini barranin li kienu jgħixu l-Mosta naqas b' 65 fil-mija meta mqabbel mal-1967. Tnaqqis simili, li kien jammonta għal 59.4 fil-mija, ukoll seħħ fuq skala nazzjonali, l-aktar minħabba li s-suldati Ingliżi u l-familji tagħhom telqu minn Malta meta l-bażi militari waqfet topera fl-1979. Mill-1985 il quddiem iċ-ċittadini barranin residenti l-Mosta reġgħu bdew jiżdiedu, sakemm fl-2005 dawn kienu jammontaw għal 329, li 130 minnhom kienu ċittadini Britanniċi.

Tab 3. Persuni ta' Cittadinanza Barranija residenti l-Mosta

| Sena taċ-Ċensiment | Popolazzjoni ta Ċittadinanza Maltija | Popolazzjoni ta Ċittadinanza Barranija | Popolazzjoni Totali tal-Mosta |
|---|---|---|---|
| 1948 | 7,142 | 44 | 7,186 |
| 1967 | 7,814 | 520 | 8,334 |
| 1985 | 11,966 | 182 | 12,148 |
| 1995 | 16,473 | 281 | 16,754 |
| 2005 | 18,406 | 329 | 18,735 |

Nota : Ir-rapport taċ-Ċensiment tal-1957 ma fih l-ebda informazzjoni dwar ċittadini barranin residenti l-Mosta.

Sors: Rapporti taċ-Ċensimenti ta' Malta : 1948 - 2005

[2] Joseph M. Pirotta, fil-ktieb tiegħu *Fortress Colony: the Final Act Vol. 1 – 1945-1954*, jgħid li bejn l-1947 u l-1950 il-proporzjon skont is-sessi ta' dawk li kienu jemigraw kien ta' tlett irġiel għal kull mara.

[3] Minn wara l-gwerra l-hawn l-akbar ammont ta' ċittadini barranin residenti hawn Malta ġie reġistrat fiċ-ċensiment tal-1957. Madanakollu, dan l-ammont, li kien ilaħħaq 14,516 il-ruħ, ma kienx maqsum f'total għal kull lokalita fir-rapport taċ-ċensiment.

[4] Michael A. Sant, fl-artiklu tiegħu 'Mosta through the Ages', jgħid li għadd imdaqqas ta' suldati tas-servizzi Ingliżi kienu jikru appartamenti fil-Mosta biex jgħixu fihom.

## Il-Kompożizzjoni tal-popolazzjoni

Il-Mosta għaddiet minn bidla oħra notevoli f'dak li jirrigwarda l-kompożizzjoni tal-popolazzjoni skont il-klassijiet tal-età[5]. Tabella 4 turi kif din il-kompożizzjoni nbidlet minn ċensiment għall-ieħor permezz ta' illustrazzjonijiet grafiċi magħrufa bħala piramidi tal-popolazzjoni[6]. Jekk wieħed janalizza l-piramida tal-1948 isib li l-aktar klassi tal-età popolata kienet dik ta' minn 0 sa 9 snin, b' 24.2 fil-mija tal-popolazzjoni totali tal-Mosta. Wieħed jista' jinnota kif aktar mal-klassi tal-età titla' l-fuq aktar il-popolazzjoni tonqos. Din il-piramida turi li kemm ir-rata tat-twelid kif ukoll ir-rata tal-imwiet huma għoljin, b'konsegwenza li l-ammont ta' nies anzjani huwa relattivament baxx meta mqabbel mal-ammont ta' tfal u żgħażagħ. Dan iwassal sabiex il-popolazzjoni tikber b'rata mgħaġġla, għalkemm l-ammont ta' snin li persuna medja tgħix ikun wieħed pjuttost baxx.

Bħala osservazzjoni ġenerali, wieħed jista' jinnota li minn ċensiment għall-ieħor, ir-rata tat-twelid uriet tnaqqis, għax il-proporzjon ta' nies li għandhom bejn 0 u 9 snin niżel l-isfel. Ir-rata tal-imwiet ukoll uriet tnaqqis għax il-proporzjon ta' dawk li għandhom il fuq minn 10 snin telà 'l fuq. Dan wassal sabiex fl-2005, il-proporzjon ta' nies fl-ewwel klassi tal-età niżel għal 11.8 fil-mija, filwaqt li l-proporzjon ta' dawk li kellhom il fuq minn 60 sena tela' għal 15.7 fil-mija (fl-1948 dawk li kellhom il-fuq minn 60 kienu jammontaw għal 10 fil-mija). Jekk wieħed jeskludi l-effetti tal-migrazzjoni, dan iwassal sabiex il-popolazzjoni tistabilizza, jekk mhux anke tonqos xi ftit. Barra minn hekk il-popolazzjoni tibda ssir progressivament aktar avvanzata fl-età minħabba li l-ammont ta' snin li persuna medja tgħix ikun wieħed għoli, filwaqt li anqas tfal ikunu qed jitwieldu.

Ta' min isemmi li din il-bidla fil-kompożizzjoni tal-popolazzjoni hi magħrufa bħala tranżizzjoni demografika. Id-diversi stadji ta' din it-tranżizzjoni huma indikattivi tal-livell ta' żvilupp ekonomiku li l-popolazzjoni tkun laħqet. Filwaqt li l-piramida tal-1948 hija karatteristika ta' popolazzjoni li għadha qed tiżviluppa, dik tal-2005 tagħti indikazzjoni li l-popolazzjoni laħqet livell għoli ta' żvilupp ekonomiku.

Ta' min jinnota li l-piramidi f'Tabella 4 fihom ċertu anomaliji. L-ewwel waħda hi evidenti fl-1957, fejn minħabba l-effetti tal-emigrazzjoni l-proporzjon ta' rġiel fil-klassi ta' bejn l-20 u d-29 sena wera tnaqqis sostanzjali. Tnaqqis simili, ukoll jidher fl-irġiel tal-istess klassi tal-età fiċ-Ċensiment tal-1967. Anomalija oħra li tispikka hi ż-żieda fil-proporzjon ta' nies fil-klassi ta' bejn it-30 u d-39 sena fil-piramidi tal-1985 u tal-1995. Aktarx li din seħħet minħabba fl-għadd ta' koppji żgħażagħ li ġew minn diversi nħawi ta' Malta sabiex joqogħdu l-Mosta, wara li nfetħu artijiet ġodda għall-bini fis-snin sebgħin u tmenin. Iż-żieda f'din il-klassi tal-età wasslet ukoll sabiex fiż-żewġ każi tikber ir-rata tat-twelid fil-Mosta[7].

### Tab 4. Piramidi tal-Popolazzjoni tal-Mosta għaċ-Ċensimenti 1948-2005




Nota : Il-piramida tal-1985 ma tinkludix residenti ta' ċittadinanza barranija

Sors: Rapporti taċ-Ċensimenti ta' Malta : 1948 - 2005

5 F'dan il-każ kull klassi tal-età tikkonsisti fi grupp ta' 10 etajiet konsekuttivi. Għalhekk l-ewwel klassi hi mit-twelid sa 9 snin, it-tieni klassi minn 10 snin sa 19-il sena, eċċ.

6 Piramidi tal-popolazzjoni juru d-distribuzzjoni tal-popolazzjoni skont is-sess u l-klassijiet tal-età.

7 Dan jhixdu l-fatt li kemm fl-1985 kif ukoll fl-1995 il-Mosta kellha proporzjonijiet akbar ta' nies fil-klassijiet ta' 0-9 snin u 30-39 snin meta mqabbla mat-total ta' Malta.

## Id-daqs tal-familja

Dawn il-bidliet demografiċi llkoll wasslu sabiex jinbidel kemm l-għadd kif ukoll id-daqs medju tal-familji li jgħixu l-Mosta. Tabella 5 turi kif mill-1957 sal-2005 in-numru ta' familji fil-Mosta żdied minn 1,879 għal 5,996. Tul dan il-perjodu ta' żmien id-daqs tal-familja fil-Mosta wera tnaqqis, minn 3.9 persuni fl-1957 għal 3.1 persuni fl-2005. Meta mqabbel mat-total ta' Malta, fl-1957 id-daqs medju tal-familja fil-Mosta kien iżgħar b' 0.21 persuni, filwaqt li fl-2005 id-daqs medju tal-familji fil-Mosta kien akbar minn dak ta' Malta b' 0.16 persuni.

It-tnaqqis fid-daqs medju tal-familji hu dovut għal numru ta' fatturi fosthom it-tnaqqis fir-rata tat-twelid u n-numru akbar ta' persuni ta' età avvanzata li jibqgħu jgħixu għal rashom. Fil-Mosta t-tnaqqis fir-rata tat-twelid kien iżgħar minn dak ta' Malta minħabba ż-żieda qawwija fl-ammont ta' koppji żgħażagħ li ġew joqogħdu l-Mosta matul is-snin sebgħin, tmenin u disgħin. Kien propja dan il-fatt li kkontribwixxa sabiex matul l-aħħar tliet ċensimenti d-daqs medju tal-familja fil-Mosta kien akbar minn dak ta' Malta.




Sors: Rapporti taċ-Ċensimenti ta' Malta : 1948 - 2005

## Għeluq

F'Novembru tal-2011 mistenni li jsir ċensiment ieħor tal-popolazzjoni u d-djar. B'mod normali ċensiment isir darba kull għaxar snin, pero b'eċċezzjoni, din is-sena se jsir wara perjodu ta' sitt snin biss. Dan sèr jiġri għax il-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea ftehmu bejniethom biex jibdew jagħmlu ċ-ċensimenti tagħhom ilkoll matul l-istess sena, u s-sena li fih ser isir dan l-eżerċizzju għall-ewwel darba hi propju l-2011.

Ir-riżultati ppreżentati f'dan l-artiklu huma biss frazzjoni żgħira tal-informazzjoni kollha li toħroġ minn ċensiment. Din l-informazzjoni hi ferm bżonjuża sabiex diversi entitajiet, kemm pubbliċi u privati, jkunu jistgħu jippjanaw b'mod għaqli għall-ġejjieni. Għalhekk ilkoll għandna ngħarfu li huwa dmirna li nagħtu l-kontribut tagħna sabiex iċ-Ċensiment tal-2011 jitwettaq b'suċċess.

Nawgura lilkom u lill-familji tagħkom festa mill-aħjar taħt il-ħarsien tal-Verġni Marija Mtellgħa s-Sema, patruna tal-Mostin.

**Riferenzi :**
Sorsi prinċipali :
Government of Malta (1948). Eleventh Census of the Maltese Islands. Valletta: Government Printing Office.
Central Office of Statistics (1959). Twelfth Census of the Maltese Islands, November 1957: Report on Population and Housing. Valletta: Government Printing Office.
Central Office of Statistics (1968?). Malta Census 1967: Report on Population Characteristics. Valletta: COS.
Central Office of Statistics (1986). Census '85, Vol. 1 – A Demographic Profile of Malta and Gozo. Valletta: COS.
Central Office of Statistics (1997). Census of Population and Housing Malta 1995, Final Report, Vol. 1 – Population, Age, Gender and Citizenship. Valletta: COS
Central Office of Statistics (1997). Census of Population and Housing Malta 1995, Final Report, Vol. 3 – Nuptiality and Households. Valletta: COS.
National Statistics Office (2007). Census of Population and Housing 2005: Vol. 1 – Population. Valletta: NSO.

**Sorsi oħrajn :**
Pirotta J. M. (1987). *Fortress Colony: the Final Act Vol. 1 - 1945-1954,* Malta: Studia Editions.
Sant M.A. (1996). Mosta through the Ages. F': Scerri L., ed. *Mosta: the Heart of Malta.* Malta: Midsea Publications. Ch. 2.